# FIL-QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn**
**Tmienja u għoxrin (28) ta' Novembru 2022**

**Fl-Atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni Numru 1441/2022**

**Fl-ismijiet**

**Ame Environment Health and Safety Services Limited (C 103282)**
**Aldo Busuttil (ID 295564M) u Charlot Caruana (ID 422374M)**

**Vs**

**AME Health and Safety Services Limited (C-44347)**
**Mario Camilleri (ID 118570M)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors ippreżentat mir-rikorrenti fejn talbu lil Qorti:

*sabiex jikkawtelaw id-drittijiet tagħhom, jixtiequ jżommu lill-intimati milli jkomplu u/jew jagħmlu użu:*

*(i) Mit-trademark Name 'AME Health and Safety Services Limited' bin-numru ta' reġistrazzjoni: TM64683, TM64684 u TM64685 sabiex jiġġestixxi n-negozju tal-istess soċjeta' intimata;*

*(ii) Mill-electronic signatures tar-rikorrenti fuq kwalumkwe dokument, rapport u/jew ċertifikat li jiġi magħmul u ppubblikat mill-intimati;*

*(iii) Mill-email accounts tas-soċjeta' intimata li kienu f'isem ir-rikorrenti, b'mod partikolari l-email address u email accounts aldo.busuttil@ameservices.com.mt u charlot.caruana@ameservices.com.mt*

2. Rat illi, fis-26 ta' Ottubru 2022, dina l-Qorti, diversament presjeduta, laqgħet it-talba proviżorjament filwaqt illi ordnat notifika lill-kontro parti, li kellha għaxart ijiem sabiex tirrispondi, u appuntat ir-rikors għat-trattazzjoni għat-8 ta' Novembru 2019.

3. Rat illi fis-7 ta' Novembru 2022, l-intimati laqgħu għal dak mitlub billi oġġezzjonaw li jiġu inibiti jużaw it-trademark bl-isem tal-kumpannija tagħhom filwaqt illi ma oġġezzjonatx għaż-żewġ talbiet l-oħra.

4. Rat illi fit-8 ta' Novembru 2022, wara talba tar-rikorrenti, l-Qorti għażlet illi tirrikuża ruħha w il-kawża ġiet assenjata lill dina l-Qorti, kif ippresjeduta.

5. Rat illi fid-9 ta' Novembru 2022, il-kawża giet appuntata għat-trattazzjoni finali għat-22 ta' Novembru 2022.

6. Semgħet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet, u dana wara illi ġew preżentati dokumentazzjoni mill-partijiet quddiem din il-Qorti.

**Konsiderazzjonijiet fattwali**

7. Jirriżulta, bħala fatt mhux ikkontestat, illi r-rikorrent Aldo Busuttil w l-intimat Mario Camilleri huma azzjonisti fis-soċjeta' intimata bl-isem ta' AME Health and Safety Services Limited.

8. Jirriżulta illi s-soċjeta' intimata AME Health and Safety Services Limited ilha ffurmata mid-29 ta' Mejju 2008.

9. Jirriżulta illi bejn l-partijiet Aldo Busuttil u Mario Camilleri r-relazzjoni ta' xogħol ma baqgħetx waħda vijabbli u, fl-4 ta' Ottubru 2022, Aldo Busuttil ippreżenta r-riżenja tiegħu minn kull karika uffiċjali fi ħdan is-soċjeta' intimata 'AME Health and Safety Services Limited' (minn issa msejjħa AME Health).

10. Jirriżulta wkoll ili fis-27 ta' Settembru 2022, ftit jiem qabel, l-istess Aldo Busuttil fetaħ kumpannija ġdida, ossija l-kumpannija rikorrenti 'AME Environment Health and Safety Services Limited', (minn issa msejjħa AME Environment), li tagħha huwa l-unika azzjonist.

11. Jirriżulta wkoll illi, fit-2 ta' Awissu 2022, meta r-rikorrent Busuttil kien għadu azzjonist u Direttur tas-soċjeta' intimata AME Health, huwa applika sabiex jirreġistra f'ismu tlett trademarks TM64683, TM64684 u TM64685, li lkoll jirreġistraw l-isem ta' AME Health and Safety Services Ltd u AME Health & Safety kif ukoll insigni relattivi ma' l-istess ismijiet.

12. Jirriżulta illi fil-31 ta' Ottubru 2022, is-soċjeta' intimata odjerna AME Health ottjeniet il-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni (Nru 1405/22) kontra r-rikorrenti odjerni Aldo Busuttil u AME Environment.

13. Jirriżulta illi, permezz tal-preżenti, r-rikorrenti jridu illi s-soċjeta' intimata u Mario Camilleri jieqfu milli jagħmlu tlett affarijiet:

    a. Jieqfu milli jużaw l-electronic signatures tar-rikorrenti kollha;

b. Jieqfu milli jużaw l-email addresses tar-rikorrenti;

c. Jieqfu milli jużaw it-Trademark name bl-isem ta' 'AME Health and Safety Services Limited', li ġew reġistrati bin-numri TM64683, 64684 u 64685.

**Konsiderazzjonijiet legali**

14. Jirriżulta illi, a tenur ta' l-Artikolu 873(1) tal-Kap.12, l-iskop ta' Mandat ta' Inibizzjoni huwa dak illi jżomm persuna jew entita' milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat.

15. Jirriżulta ukoll illi, a tenur ta' l-Artikolu 873(2) tal-Kap. 12, il-Qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li r-rikorrent prima facie jidher li għandu dawk il-jeddijiet.

16. Il-Qorti hawnhekk tagħmel referenza għall-konsiderazzjonijiet magħmula minn dina l-Qorti, diversament ppresjeduta, fil-Mandat ta' Inibizzjoni Nru 1710/16LM fl-ismijiet "**Mary Grace D'Amato vs Raymond Micallef et**" deċiż fis-16 ta' Diċembru 2016, fejn, dwar l-elementi rikjest għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni, għamlet is-segwenti osservazzjonijiet eruditi:

*Illi jirriżultaw minn dan l-artikolu tliet presupposti għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni:*

*(1) <u>ikun sejjer isir xi att li jista' jkun ta' preġudizzju ta' xi jedd tar-rikorrenti</u>: il-periklu jkun għad-dritt fiż-żmien meħtieġ biex jinkiseb pronunzjament fil-mertu, l-hekk imsejjaħ periculum in mora.*

*(2) <u>iż-żamma tal-imsemmi att tkun meħtieġa biex jiġi mħares dan il-jedd</u>: tenut kont tal-fatt illi s-subinċiż (2) huwa marbut mas-subinċiż (1) tal-Artikolu 873, il-Qorti trid tqis ukoll l-element tal-grad ta' preġudizzju. Rikonoxxut il-jedd prima facie tar-rikorrenti, l-grad ta' preġudizzju rikjest bħala bażi ta' akkordar ta' ħruġ ta' mandat, hu preġudizzju "li ma jkun jista' jiġi irrimedjat". Irid jingħad ukoll jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, imqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ l-mertu, jiġi nieqes dan l-element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat.*

*Apparti minn dan, ħsara jew preġudizzju ma titqiesx bħala irrimedjabbli meta si tratta ta' telf pekunjarju ċjoè telf ta' qligħ jew flus. Di fatti, skont l-insenjament mogħti fid-digriet finali fl-ismijiet* ***Francis Barbara et vs. Carmelo Barbara et*** *deċiża fit-13 ta' Mejju, 2014, per Onor. Imħallef J.R.Micallef:*

*"Tqis illi huwa wkoll miżmum li il-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni ma jingħatax fejn il-pretensjoni ta' min jitolbu tkun waħda li tirreferi għal kumpens kwantifikabbli u ħlas ta' danni meta dan jista' jitħares b'rimedju proċedurali kawtelatorju ieħor skont il-liġi".*

*(3) <u>ikun jidher prima facie li r-rikorrent għandu dak il-jedd</u>: il-liġi tħares il-jedd prima facie bħala rekwiżit meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat. Irid għalhekk, ikun jedd, anke jekk prima facie, biex jimmerita ħarsien. Mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikultà, disaġju jew tħassib. Dwar il-prova tal-jedd prima facie, l-Qorti tal-Appell, fis-sentenza tagħha tal-14 ta' Lulju, 1988 fil-kawża Sonia Grech pro et noe vs. Stephanie Manfré (Kollez. Vol. LXXII.II.295) irriteniet is-segwenti:*

*"... huwa rekwiżit oġġettiv u mhux soġġettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-ġudikant, jew il-jeddijiet jidhru prima facie, mal-ewwel daqqa t'għajn, jew ma jidhru xejn, għall-finijiet tal-ħruġ tal-mandat."*

*Illi jingħad ukoll illi l-fatt li tintlaqa' talba għall-ħruġ tal-Mandat, ma jfissirx li l-jedd ikun ippruvat. Kif daqstant ieħor ma jfissirx, illi għax talba għall-ħruġ ta' Mandat ma tintlaqax, allura l-jedd pretiż ma jeżistix. Mhux il-kompitu tal-Qorti fl-atti tal-Mandat tara jekk il-jedd pretiż hux suxxettibbli għal suċċess fl-azzjoni fil-mertu, iżda biss jekk il-jedd pretiż jikkwalifikax bħala tali għall-finijet oġġettivi tal-liġi.*

*Illi kulma hu meħtieġ, u fl-istess ħin huwa biżżejjed, għall-ħruġ ta' mandat ta'inibizzjoni, li jkun hemm fumus boni iuris. Huwa loġiku li billi l-mandat ta' inibizzjoni huwa att kawtelatorju li jrid jinħareġ qabel ma jiġi aċċertat min għandu raġun, il-mandat jinħareġ favur dak li "jidher" (fi kliem l-istess liġi) mal-ewwel daqqa t'għajn li għandu raġun. Iġifieri b'mod verosimili jew plawsibbli, fi kliem ieħor b'mod li jitwemmen jew ikun kredibbli. Dan min-naħa l-waħda jeskludi pretenzjonijiet li huma frivoli jew assurdi, jew saħansitra fejn hemm mera possibbiltà u min-naħa l-oħra jeskludi l-ħtieġa li l-pretenzjoni jkollha probbabilità kbira li tintlaqa'. Dan hu konformi maċ-ċirkostanza li proċedura ta' din ix-xorta hija intiża sabiex tkun sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dan, kulma jmissu jitressaq quddiemha, waqt is-smigħ tal-kawża dwar il-jedd. Dan billi fil-proċess dwar il-mertu, l-iskop hu li jiġi aċċertat x'inhu d-dritt fil-każ konkret, filwaqt li l-iskop tal-proċess għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni għandu biss il-funzjoni strumentali li jikkawtela pretenzjoni ta' dritt, anke jekk din tista' ma tkunx fondata, sakemm ikun hemm pronunzjament ġudizzjarju dwar jekk hix tabilħaqq fondata fid-dritt jew le.*

*Mal-imsemmija tliet elementi espliċitament imsemmija mil-liġi, jistgħu jiżdiedu oħrajn, bosta minnhom elaborati mill-ġurisprudenza:*

*(4) <u>Il-Mandat ta' Inibizzjoni huwa meqjus bħala mezz proċedurali ta' natura eċċezzjonali</u>. Ara **Charles Mugliett vs. Saviour Bonnici** mogħti fil-25 ta' Jannar, 2005 per Imħallef Joseph R. Micallef :*

*"il-ħarsien li l-liġi qiegħda timmira għalih bi proċediment bħal dak tal-lum huwa li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu r-rikorrent jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa',*

*ikun ifisser li l-jedd huwa ppruvat. Bħalma lanqas iffisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma ntlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għamil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu filwaqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat."*

*(5) "<u>Ir-rabta ta' Mandat ta' Inibizzjoni m'għandhiex tintuża bħala arma ta' theddid jew ġegħiel (arm twisting) lill-parti intimata li, jew tagħmel dak li tixtieq il-parti rikorrenti jew ma tagħmel xejn</u>. B'dan il-mod, il-mandat ma jibqgħax għodda li tħares il-jedd prima facie tal-parti rikorrenti, imma ssir sarima li żżomm lil parti intimata milli tgawdi l-jeddijiet tagħha. Il-Qorti hi tal-fehma li qatt ma kienet ir-rieda tal-liġi li l-Mandat ta' Inibizzjoni jinbidel f'arma bħal din." Ara* ***Avukat Dr John Gauci vs. Direttur tal-Kuntratti****, Prim' Awla, 18 ta' Lulju, 2008.*

*(6) <u>Ir-rekwiżiti għall-ħruġ tal-Mandat huma kumulattivi mhux alternattivi</u>. Għalhekk jekk xi wieħed minnhom ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-Mandat.*

## Konsiderazzjonijiet finali

17. Jirriżulta, mhux ikkontestat, illi l-istess intimati kkonfermaw illi huma ma humiex ser jagħmlu użu la mill-electronic signatures tar-rikorrenti u wisq anqas mill-email addresses tagħhom, partikolarment tar-rikorrenti Aldo Busuttil u Charlot Caruana.

18. Jirriżulta, madanakollu, kontestat mill-intimati illi ma jistgħux ikunu inibiti milli jużaw l-isem tas-soċjeta' tagħhom stess, peress illi tali soċjeta', ossija AME Health, ġiet iffurmata ben qabel is-soċjeta' rikorrenti AME Environment, illi ġiet iffurmata ftit ġimgħat ilu.

19. Din il-Qorti tosserva illi, filwaqt illi jirriżulta prima facie illi r-rikorrenti Aldo Busuttil u Charlot Caruana jistgħu, b'xi mod, jsofru preġudizzju jekk jintużaw l-emails personali tagħhom jew l-electronic signatures tagħhom, l-istess ma jistax jingħad dwar it-trademarks.

20. Il-Qorti ma tistax ma tosservax illi jidher li l-preżentata u rikjesta ta' tali talba ma hija xejn aktar minn "*arma ta' theddid jew ġegħiel (arm twisting) lill-parti intimata li, jew tagħmel dak li tixtieq il-parti rikorrenti jew ma tagħmel xejn*" f'battalja ferm aktar illi hemm bejn l-azzjonisti tas-soċjeta' intimata AME Health.

21. Ċertament, Mandat ta' Inibizzjoni huwa mezz proċedurali ta' natura eċċezzjonali u jeħtieġ illi jintwera li, prima facie, min jitlobha ser isofri preġudizzju irrimedjabbli.

22. Mill-assjem tal-fatti kif spjegati, ma jidhrix ippruvat illi l-użu tat-trademarks mis-soċjeta' intimata AME Health bl-isem tagħha stess ser ikunu ta' preġudizzju irrimedjabbli lis-soċjeta' rikorrenti AME Environment.

23. L-istess ma jistax jingħad għal dak illi jirrigwarda l-email addresses u electronic signatures, li del resto l-intimati stess iddikjaraw illi ma humiex ser jużaw.

24. Għaldaqstant, il-Qorti tqis a favur tar-rikorrenti t-tieni u tielet talba tagħhom, filwaqt illi l-ewwel talba kif minnhom redatta ma timmeritax illi tintlaqa'.

**Deċiżjoni finali**

Il-Qorti,

Wara illi rat l-atti ppreżentati quddiemha u s-sottomissjonijiet ta' l-abbli difensuri taż-żewġ partijiet;

Wara illi għamlet il-konsiderazzjonijiet fuq premessi;

Tiddeċiedi t-talba magħmula fis-26 ta' Ottubru 2022 billi:

**Tirrevoka** contrario imperio d-digriet ta' dina l-Qorti, diversament ippresjeduta, fis-26 ta' Ottubru 2022, u

**Tilqa'** t-talba għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni limitatament billi:

**Tinibihom** milli jkomplu u/jew jagħmlu użu:

(i) Mill-electronic signatures tar-rikorrenti fuq kwalumkwe dokument, rapport u/jew ċertifikat li jiġi magħmul u ppubblikat mill-intimati;

(ii) Mill-email accounts tas-soċjeta' intimata li kienu f'isem ir-rikorrenti, b'mod partikolari l-email address u email accounts aldo.busuttil@ameservices.com.mt u charlot.caruana@ameservices.com.mt

Filwaqt illi:

**Tiċħad** it-talba għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni fejn l-intimati intalbu sabiex jiġu inibiti milli jużaw it-trademark Name 'AME Health and Safety Services Limited' bin-numru ta' reġistrazzjoni: TM64683, TM64684 u TM64685 sabiex jiġġestixxi n-negozju tal-istess soċjeta' intimata.

**Spejjeż** ikunu a karigu ta' l-intimati.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**